# FIL-PRIM’ AWLA TAL-QORTI CIVILI.

**IMHALLEF**

**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta’ nhar L-Erbgha, 10 ta’ Ottubru, 2001.**

**Kawza Numru: 26**

**Citaz. Nru. 3228/96GV**

Doc. 130-01

**Albert F. S. Manduca Limited**

**vs**

1. **Sea Malta Company Limited**
2. **The Cargo Handling Company Limited**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illli s-socjeta’ attrici inkarigat lis-socjeta’ Sea Malta Company Ltd. titrasportalha partita merkanzija konsistenti f’”Cognac” u “Champagne” minn Franza ghall-Malta fejn waslet go *Container* numru 669 588/9 fuq il-vapur Pliska fis-27 ta’ Novembru, 1995;

Premess illi meta s-socjeta’ attrici irtirat il-merkanzija sabet diversi nuqqasijiet elenkati fl-anness dokument ‘A’;

Premess illi bhala rizultat ta' dan in-nuqqas is-socjeta' attrici soffriet danni konsiderevoli ammontanti ghal Lm4,227.97 oltre' Lm204.40 prezz tal-*freight* - b'kollox Lm4,432.37;

Premess illi s-socjetajiet konvenuti jew min minnhom huma unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mis-socjeta' attrici;

Premess illi s-socjetajiet konvenuti naqsu illi jaghmlu tajjeb ghad-danni sofferti mis-socjeta' attrici;

Is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti biex:

1 tiddeciedi u tiddikjarhom unikament responsabbli ghad-danni kollha li soffriet is-socjeta' attrici fil-merkanzija taghha liema danni jammontaw ghal Lm4,432.37;

2 konsegwentement jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta' attrici is-somma ta' Lm4,432.37;

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-konvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta The Cargo Handling Company Limited a fol. 9 tal-process fejn eccepiet:

1 Illi preliminarjament it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante li l-merkanzija in kwistjoni kienet f'*container* numru TPHU 669588-9 u gie konsenjat lis-socjeta' importatrici

bhala "*Full container load"* minghajr rimarki kif jidher ampjament car mill-*Gate Pass Out* Nru. A15047 hawn anness (Dok. TCH1).

2 Illi tali *Gate Pass Out* huwa iffirmat mid-*Delivery Clerk* tas-socjeta' The Cargo Handling Company Limited u *countersigned* mill-importatur u/jew mir-rapresentant ta' l-importatur "*Received the goods in good order and condition".*

3 Illi la darba tali skrittura hija cara ma hemm ebda lok ta' interpretazzjoni u tali dikjarazzjoni ovvjament torbot lill-attur nomine.

4 Illi bazi ta' l-Artikolu 70 tal-Port Regulations 1966, is-socjeta' konvenuta The Cargo Handling Company Limited m'hiex responsabbli.

5 Illi ukoll a bazi ta' l-Artikolu 90 Tal-Port Regulations tal-1966 huwa tenut fejn tali merkanzija *(container)* jigu mahzuna "*in the open and always at the sole risk of the owner"* u anke f'dan il-kaz is-socjeta' The Cargo Handling Company Limited m'hiex responsabbli.

6 Illi fis-sitt lok u bla pregudizzju ghall-premess ghandu jigi pruvat kif is-socjeta' attrici waslet ghall-ammont ta' Lm4,432.37 bhala allegati danni.

7 Illi fis-seba' lok u bla pregudizzju ghall premess l-imghax ghandu jiddekorri mid-data tan-notifika stante li si tratta dwar hlas ta' danni (**Sentenza ta' l-Appell - Sede Kummercjali deciza fis-6 ta' April, 1992 - Citaz Nru. 112/86 - Dr. Robert Staines et vs Chev. Silvio Mifsud noe u Godwin Abela et noe).**

Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjes.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta Sea Malta Company Limited a fol. 15 tal-process fejn eccepiet:

1 Fl-ewwel lok in-nuqqas ta' responsabilita' da parti tas-socjeta' Sea Malta Company Limited peress li hi garret il-merkanzija b'mod korrett u bil-prekawzjonijiet kollha mehtiega mill-ligi u minn prattika kostanti.

2 illi l-klawsola *on board* inkluza fil-polza tal-kargu relattiva tezonera lis-socjeta' Sea Malta Company Limited minn kwalunkwe responsabilita' ghad-danni fit-taghbija tal-merkanzija fuq il-vapur.

3 Bla pregudizzju ghas-suespost, illi d-danni reklamati ma jirrizultawx mit-*Tally Sheets.*

4 Fir-raba' lok, u bla pregudizzju ghal dak li gia ntqal, illi l-importatur jibqa' responsabbli li jhallas l-ispejjes tal-garr tal-merkanzija anke jekk il-merkanzija tirrizulta danneggjata fl-istess garr.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw:

**TALBA**

L-atturi qed jitlobu li dina l-Qorti: tiddikjara lill-konvenuti unikament responsabbli ghad-danni kollha li sofriet is-socjeta' attrici fil-merkanzija taghha liema danni jammontaw ghall Lm4,432.37; konsegwentement tikkundannahom ihallsu

lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm4,432.37.

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenuti Cargo Handling eccepew (fol. 9) li l-merkanzija in kwistjoni giet konsenjata lill-atturi bhala "*full container load*" minghajr rimarki kif jidher mill-*Gate Pass Out* (Dok TCH1).

Il-konvenuti Sea Malta eccepew (fol. 15) li huma mhux responsabbli billi huma garrew il-merkanzija b'mod korrett u bil-prekawzjonijiet kollha mehtiega skond il-ligi u prattika kostanti.

Il-klawsola "*On Board*" inkluza fil-polza ta' karigu relattiva tezonera lis-socjeta' konvenuta minn kwalunkwe responsabilta' ghad-danni fit-taghbija tal-merkanzija fuq il-vapur.

Id-danni reklamati ma jirrizultawx mit-*tally sheets*.

Fl-ahharnett l-importatur jibqa' responsabli li jhallas l-ispejjez tal-garr tal-merkanzija anke jekk il-merkanzija tirrizulta danneggjata fl-istess garr.

**PROVI**

Alfred Falzon Sant Manduca, Managing Director tas-socjeta' attrici, xehed li kienu qabbdu lis-Sea Malta iggibilhom merkanzija minn barra Dok. AM 1 sa 3 fol. 24 sa 26. Ix-xoghol kellu jingabar minn-zewg postijiet fi Franza, jinghalaq il-*container* u jigi shih Malta. Meta wasal Malta irrizulta li kien hemm 8 kaxxi Cognac nieqsa, 115 kaxxa xampanja nieqsa u *advertising material* li kienu kollha fl-istess *container*, kif jirrizulta mid-Dok. B a fol. 5. Irrizulta li minn barra meta ghamlu l-*first loading* ta' 500 kaxxa Cognac Martell kellu sigill BSS 206863. Imbaghad meta marru jaghmlu

s-*second loading*, tax-xampanija u *advertizing material* inbidel is-sigill u sar iehor minfloku bin-numru FR 0077292. Is-Sea Malta kellha tigbor ix-xoghol mill-fabbrika ghal Malta u tpogga fil-*bonded stores*. Mid-dwana kienu infurmawh li kien hemm xoghol nieqes u ghalhekk ikkuntattjaw lill kumpanija ta' barra. Dawn kienu tawhom il-*seal* ta' l-ewwel *loading* (ara fax fol ) imbaghad qalulhom li s-*seal* kien gie *replaced* b'iehor. Izda meta l-merkanzija waslet Malta dina waslet bl-ewwel *seal*. Fil-fatt ma kienx hemm *replacement* tas-*seal*. Il-merkanzija kienet nieqsa miz-zewg *seals*. Is-Sea Malta kienu qabbdu lil haddiehor biex jigbor il-merkanzija mill-fabbrika.

Victor Micallef, rapprezentant tal-Kontrollur tad-Dwana, xehed li kien gie il-*container* biex jigi magazzinat u biex jithallas id-dazju. Dan il-*container* kien fih is-sigill li jaghtu tad-Dwana meta jillandja (numru 433589/90) u kellu s-sigill ta' barra numru BSS 206863. Huma kien fethu l-container billi kissru s-sigilli u sabu li kien hemm in-nuqqas.

Michael Chetcuti, *cargo surveyor*, xehed li kien ghamel rapport dwar in-nuqqas li kien hemm - Dok MC a fol. 45.

Peter Bonello xehed li l-Cargo Handling kienu kkonsenjaw il-*container* lill atturi fit-12 ta' Dicembru, 1995 bla ebda hsara kif jirrizulta mill *Gate Pass Out* a fol. 13/33. Il-*container* dahal ghandhom bla hsara u hareg hekk ukoll. Dahal bil-*foreign seal* u rega' hareg bih u bis-*seal* li kienu ghamlu huma. Il-*container* hareg minn ghandhom issigillat ukoll.

Jennifer Ebejer prodotta mill-konvenuti Sea Malta xehdet li kienu gabru l-*container* mill-fabbrika fi Franza li kien mimli mis-*supplier* ta' l-atturi. Huma kien ghamlu t-trasport tal-*container* li kien maghluq. Dan hu konfermat mill-*Bill of Lading* u *telex* tal-agent taghhom f'Marsilja fol. 64. Kien hemm aktar minn *supplier* wiehed. F'dan il-kaz kellhom *seal number* wiehed ghax dan isir Marsilja. Ma jirrizultax li kellhom

jigbru l-konsenja minn zewg postijiet. Hi ma kelliex informazzjoni dwar minn fejn ingabret il-merkanzija u s-*seal numbers* li suppost saru f'zewg postijiet. Mill-informazzjoni li ghandha meta tghabbiet il-merkanzija mill-ewwel fabbrika ma kienx hemm *seal*. Is-*seal* sar mit-tieni fabbrika. Huma kienu qabbdu lill Inchcape u dawn kienu qabbdu lill Inchcape Shipping u dawn qabbdu lill Co Fe Trans.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Fil-kaz in ezami, il-konvenuti Cargo Handling kienu rcevew il-*container* sigillat u rega' hareg minn ghandhom sigillat. Jekk kien hemm nuqqas dan kien qabel dahal ghandhom fil-*container* sigillat. Ghalhekk il-konvenuti Cargo Handling m'humiex responsabbli ghan-nuqqas reklamat mill-atturi.

Kwanti ghall-konvenuti l-ohra Sea Malta, dawn qed jeccepixxu li huma mhux responsabbli billi huma kellhom biss jittrasportaw il-*container* li kien gie mghobbi mis-*suppliers* ta' l-atturi. Huma qatt ma kellhom jaghbbu l-*container* (ara fol 82).

Mill-provi jirrizulta li fil-fatt il-*container* kellu jigi mghobbi mill-konvenuti Sea Malta jew minn agenti tieghu. Fil-fatt is-Sea Malta kienu qabbdu *sub-contractor* biex jaghmel dana x-xoghol. Fil-fatt il-merkanzija kienet gie mghobbija minn barra ara Dok. A fol. 4; fol. 24/25; u 51-54.

Jirrizulta (ara dok. a fol. 53) li l-merkanzija giet mghobbija minn zewg postijiet - minn Cognac u minn Reims. Is-*sub contractor* kellu jghabbi l-*container* l-ewwel f'post imbaghad f'post iehor u jara li l-*container* jigi *sealed* kull darba. Is-*sub contractor* ma kienx ser jiehu biss *container sealed* imma kien ser jiehu *container* li kellu l-ewwel jitghabba f'post imbaghad jiehdu post iehor biex jerga' jghabbi merkanzija ohra minn post iehor. Ghalhekk is-*sub contractor* ma jistax jghid li, li *stuffing* ma kienx ser jaghmlu hu jew ma kienx ser isir fil-presenza tieghu, u jara li

kollox jitghabba skond id-dokumenti. Liema dokumenti jindikaw li kollox tghabba u saru zewg *seals*.

Is-*sub contractor* gie mqabbad mis-Sea Malta li huma responsabbli ghal agir tieghu.

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li Sea Malta kien responsabbli ghad-danni reklamati mill-atturi.

Dwar l-ammont ta' danni reklamati dawn jirrizultaw mid-dokumenti ezibiti, liema ammont ma' giex kontestat mill-konvenuti Sea Malta.

Kwantu ghall-eccezzjonijiet l-ohra tal-konvenuti Sea Malta, dawn ma gewx pruvati u lanqas trattati fil-kors tal-kawza

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddecidi billi prevja li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Sea Malta;

tiddikjarahom unikament responsabbli ghad-danni kollha li sofriet is-socjeta' attrici fil-merkanzija taghha liema danni jammontaw ghall Lm4,432.37;

konsegwentement tikkundannahom ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm4,432.37, bl-imghax mid-data tan-notifika tac-citazzjoni u bl-ispejjez kontra l-konvenuti Sea Malta;

il-konvenuti Cargo Handling qed jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju; spejjez ghall atturi

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**